Minuti tal-Laqgħa Nru. 21 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur Eric Camilleri |
| Skużati | Is-Sur Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Inawgurazzjonijiet
5. Resumé tas-Sena
6. Attivitajiet matul il-Milied
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

**Is-Sindku avża lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Bruno ma setax jattendi u nforma lis-Sindku sabiex ikun skużat.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa fuq punt 2.2. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lil Transport Malta fuq is-sitwazzjoni u ippropona li t-traffiku. Huwa kien issuġerrixxa biex il-karozzi jgħaddu minn Triq Dun Pawl u jkunu stabilliti l-ħinijiet tal-Iskola bil-miktub fuq tabella apposta.

2.2 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm passaġġ maġenb l-Iskola li jinsab fi Triq l-Iskola u meta dawn ikun waslilhom il-ħin biex jidħlu u joħorġu għall Iskola jistgħu jużaw dan il-passaġġ. Hija qalet li nistgħu niċċekkjaw mas-Surmast jekk jistgħux jużaw dan il-passaġġ.

2.3 Il-Kunsillier Caruana semma li hawn vetturi li jidħlu bit-tfal sa fejn hemm il-ħanut tal-ħwejjeġ I love Gutz. Is-Sindku semma li hawn irid ikun hawn ġenb minn Triq Sant' Andrija li jkun magħluq għat traffiku sabiex ikun jista jintuża minn dawk li joħorġu minn Triq San Ġorġ.

2.4 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li l-Pulizija mhux qed ikun fil-ħin għall meta tingħalaq it-Triq għall Iskola. Is-Sindku suġġerrixxa biex issir laqgħa apposta mal-Kummissarju fuq dan il-każ għax din mhux tollerabbli.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li rċevejna email minn naħa ta St. Vincent de Paule fuq attivita li se tkun organiżżata fl-okkażżjoni tal-Milied.

3.2 Is-Sindku qal li minn naħa tal-Iskola bagħatulna invit fuq ir-reċiviment tal-Milied u stednuna hemm.

3.3 Is-Sindku ressaq email fuq attivita ta' Christmas Village li se tkun organiżżata mill-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar.

3.4 Is-Sindku qara stedina minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu laqgħa mal-Kunsill tagħna f' Jannar. Huwa informa lill-Kunsilliera bil-ħin u l-ġurnata sabiex iżommuha libera.

3.5 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qal proset peress li fir-rapport tal-awditur ma kien hemm xejn li jirrifletti ħażin fuq il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa.

3.6 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li l-applikazzjoni li konna għamilna fir-rigward tal-proġett tal-ERASMUS ma kinitx aċċettata u r-raġuni li taw ma kinitx waħda kredibli.

## 4.0 INAWGURAZZJONIJIET

4.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa li ġejja se ssir l-Inawgurazzjoni tal-Bandli għall 11 ta' filgħodu. Huwa qal li l-Kunsill Lokali tagħna kien l-ewwel Kunsill li kien lesta dan il-Proġett taħt din l-iskema.

4.2 Is-Sindku spjega li fuq l-Inawgurazzjoni huwa kien tkellem mas-Segretarju Parlamentari biex jkun jista jinawgura dan il-proġett qabel imma dan ma setax għax kellu impennji barra minn Malta. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha biex jattendu għall dakinhar.

4.3 Il-Kunsillier Caruana semma li Bonett kien spottja l-kamini tal-holders mal-arkata ta' Sant' Andrija. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lil Andre Magri li kellu jwaħħalhom u dan sa nhar il-Ġimgħa kien se jlesti il-wiring kollu.

## 5.0 RESUME TAS-SENA

5.1 Is-Sindku ta resume ta l-affarijiet li ġraw matul is-sena fejn semma affarijiet li jispikkaw fil-ħidma tal-Kunsill u anki affarijiet li l-Kunsill baqa jagħmel fuq bażi regolari. Huwa semma li aħna bħala Kunsill żammejna relazzjoni tajba mal-Għaqdiet kollha u bqajna nikkollaboraw f' dak kollu li hemm bżonn. Huwa semma li każ partikulari huwa fuq it-tiżjin tat-toroq fl-okkażżjoni tal-Milied li jsiru mill-Baned u l-Kunsill jiffinanzja dan it-tiżjin.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma li bħala tiżjin mhux qed jilħaq mal-aspettativi li għandu l-Kunsill Lokali u mhux qed jkun hemm kambjament fit-tip t' armar tad-dawl li qed jintrama.

5.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li l-aħjar inkellmuhom aħna u kull sena jagħmlu proposal ta' x' dawl ġdid ikunu se jżidu. Wara li jsir id-dawl u jkun armat, il-Kunsill stess jinawgura t-tiżjin ġdid.

5.4 Is-Sindku semma li aħna bħala Kunsill se nkomplu naħdmu biex inġibu fondi tal-Unjoni Ewropeja, huwa qal li bħalissa hemm ic-chairman tal-GAL Xlokk indispost imma xorta se naraw kif se napplikkaw għall fondi Ewropej. Huwa semma li konna applikkajna għall proġett edukattiv taħt ERASMUS u anki ressaqna proposti fuq pre calls.

5.5 Is-Sindku semma wkoll li wara li kien ressaq it-talba quddiem il-Kabinett f' Birżebbuġia inbeda x-xogħol tal-istreet lighting fi Triq Ħal Farruġ. Huwa semma li hawnhekk ukoll

inġiebet il-ħamrija u tqiegħdet fl-art maġenb il-Family Park. Din ġiet livellata u hawnhekk ingħata diġa dehra aħjar.

5.6 Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kienet qed tikkordina diversi korsijiet li kienu qed isiru ġewwa l-Kunsill Lokali u anki z-Zumba ġewwa l-Iskola sabiex dawk li jipparteċipaw ikollhom aktar kumdita. Huwa qal li dawn il-korsijiet qed ikunu ta' suċċess u se jibqgħu ikunu organiżżati.

5.7 Is-Sindku għalaq din ir-resume billi qal li bħala Kunsill qed naħdmu tajjeb u malajr jintlaħaq qbiel u huwa tajjeb li nibqgħu naħdmu b' dan il-mod.

## 6.0 ATTIVITAJIET MATUL IL-MILIED

6.1 Is-Sindku ġab għall attenzjoni tal-Kunsilliera ċirkulari li kienet ħarġet apposta għall matul iż-żminijiet tal-Milied. Din iċ-ċirkulari kienet tistipula li kemm il-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll il-Kunsilliera infushom huma intitolati għall ikla jew reċiviment wieħed.

6.2 Is-Sindku semma li fil każ tal-Kunsilliera se ssir ikla u ħeġġiġhom biex jattendu għaliha biss.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti b' vot unanimu.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2016 fis-6.30 pm. Kien hemm il-ġurnata tal-11 ta' Jannar 2017 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

______________________
John Schembri
Sindku

______________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv